TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 28 ta’ April 2016

Avviz Nru 2/2016

Go Plc

Vs

Josephine Cachia

It-Tribunal,

Ra’ l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ tlett mija u disgha u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€ 349.46) import ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra’ illi l-konvenuta debitament notifikata b’dan l-avviz permezz tal-procedua tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni irrispondiet illi l-kreditu pretiz huwa preskritt kif ukoll illi l-mertu konsistenti fit-talba ghal hlas qed jigi kkontestat.

Ra’ u sema’ l-provi mressqa u ra’ d-dokumenti esebiti.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-12 ta’ April 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra’ l-bqija ta’ l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni. Illi fis-seduta tat-12 ta’ April 2016 il-konvenuta ivverbalizzat illi l-preskrizzjoni eccepita minnha taqa’ taht l-artikolu 2148 (b) tal-Kap XVI tal-ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta hawn ma ghandiex ragun. Il-preskrizzjoni citata ma hijiex dik applikabbli ghal kaz odjern. Hija gurisprudenza kostanti ghal ghexieren ta' snin li f'materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156[f] tal-Kodici Civili u mhux dik ta' tmientax il-xahar kontemplata fl-artikolu 2148…. (Maltacom plc vs

Salina Co Ltd Prim Awla 30/11/2004. Ara wkoll Maltacom Plc vs Albert Grech Appell Inf. 14 ta' Gunju 2001)

In oltre skond l-Art.2111 it-Tribunal ma jistax ex officio jaghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata; li jfisser li t-Tribunal ma jistax jissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandux ghalhekk ifittex biex jara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvoka" [PA. Donald Manche noe vs Joseph Said - 28 ta' Gunju 2003)

Ghaldaqstant l-esccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni titratta l-mertu. Il-kuntratt iffirmat u esebit mill-kumpanija attrici stess (fol 4 tal-process) jghid illi l-konvenuta giet moghtija it-telefon bin-numru 21569015; filwaqt illi l-kont tat-telefon kien dak bin-numru 40140106 u dak tat-televizjoni kien dak bl-istess numru. In-numru indikat bhala TV card number huwa dak 01425090630. Il-kuntratt qieghed f'isem Josephie Cachia.

Fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-konvenuta issolleva illi fuq l-instatement in-numru tat-telefon riportat huwa dak bin-numru 21569024 u kwindi ma jaqbilx mal-kuntratt. Il-legali tal-kumpanija attrici issollevat illi dan seta' kien biss lapsus calami ta' l-ahhar zewgt figuri tan-numru. Dan it-Tribunal jinnota illi fuq dan l-istatement debitament ikkonfermat bil-gurament (a fol 7 u 8 tal-process) hu minnu illi l-ahhar zewgt figuri tan-numru tat-telefon ma jaqblux izda in-numru tal-kont (li hu l-aktar numru importanti) jaqbel precis u n-numru tal-card tat-televizjoni jaqbel ukoll. L-isem tal-konsumatur jaqbel ukoll. F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal jasal biex jaccetta fuq bilanc ta' propabilitajiet illi l-izball fin-numru tat-telefon huwa vera lapsus calami li ma ghandux iwassal ghar-rigett tat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€349.46). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur